MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Talba Numru. 1531/2010

**Vodafone Malta Ltd (C10865)**

**vs**

**Lydia Dolores Leyland gia Borg (ID110589M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fi-5 ta' Ottubru 2010, fejn intalab li l- konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, u hamsin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€1,050.37c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici prezentata fis-16 ta' Marzu 2011 li permezz taghha rriduciet s-sorte ghal €850.37 stante pagament.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex l-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-16 ta’ Marzu 2011, meta gew ipprezentati nota ta’ riduzzjoni fejn intalab li s-somma mitluba tigi ridotta ghal tmien mija u hamsin Ewro u sebgha u tletin centezmu  (€850.37c) kif ukoll l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma hekk kif ridotta ta’ tmien mija u hamsin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€850.37c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------